MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1090/2004

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C-113)**

**vs**

**Dicarina Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija disgha u disghin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm799.51) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti valur ta' prodotti ta' xorb mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta;**
**Is-socjeta` konvenuta, interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentant tagha huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta baqa' ma deherx u lanqas ma giet prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija disgha u disghin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm799.51) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta' Jannar, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------